# PUNTI FIL-BIZZILLA MALTIJA

**Il-bizzilla Maltija taċ-ċombini hija tessut, tip ta' bizzilla li tinħadem kontinwa.**

**KIF INHI MAĦDUMA L-BIZZILLA MALTIJA?**
Il-ħajt hu mrembel fuq numru ta' pari ta' ċombini u miżmum b'labar fuq id-disinn mwaħħal fuq it-trajbu. Taħlita ta' brim u slaleb maħduma b'dawn il-pari ta' ċombini joħolqu punti bażiċi: in-nofs punt u l-punt sħiħ, varjetà ta' punti bħalma huma ċ-ċombatur u l-punt tal-kaxxi, kif ukoll punti oħra li huma sinonimi mal-bizzilla Maltija, bħall-punt tal-balla, il-punt Ingliż u l-moski.

Id-disinn jindika liema punt għandu jinħadem. Madankollu, min jaħdem il-bizzilla jiddeċiedi kif jinterpretah u kif jaħdem il-bizzilla Maltija. Ma hemmx regola fissa. Per eżempju, il-fillieri jista' jinħadem b'żewġ pari mibruma u magħquda jew bil-punt sħiħ, jew bin-nofs punt, jew kombinazzjoni tat-tnejn. Jekk il-ħajt huwa fin, in-numru ta' brim huwa iżjed minn dak għall-ħajt oħxon. L-istess fillieri jista' jinħadem ċombaturi u l-pari taċ-ċombini magħquda bil-punt raddiena speċjalment jekk id-disinn li jsegwi huwa kollu tila.

Dawn huma wħud mill-ħafna punti fil-bizzilla Maltija:

**Taħt: Iż-żewġ punti bażiċi**


Nofs punt


Punt sħiħ


Mili bin-nofs punt


Tila


Ċombatur

**Fuq: Il-mili u ċ-ċombatur maħduma miż-żewġ punti bażiċi.**

**Ringieli t'hawn taħt**
**Xellug: Id-disinn**
**Lemin: Punti li jaqblu mad-disinn**


Disinn


Punt tal-garża (punt sħiħ, barma)


Disinn


Fillieri (Punt sħiħ, 2 barmiet)


Disinn


Mili bit-tull (Punt sħiħ, labra, punt sħiħ, barma)


Disinn


Punt tal-kaxxi (bin-nofs punt)


Disinn


Punt tal-kaxxi (bil-punt sħiħ)


Disinn


Ċombatur bil-punt merfugħ


Disinn


Punt sħiħ b'erba' pari / Punt raddiena


Disinn


Punt Ingliż


Disinn


Punt tal-balla


Disinn


Moska/Moski


Disinn


Brimba bi tliet saqajn

© 2021 Heritage Malta Publishing